MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 40/2005

**Joseph Grech ezercitanti n-negozju taht isem "Grech's Central Stores"**

**vs**

**Rita Bonello u John Agius**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Illi s-socjeta' attrici topera hanut fi Triq ir-Repubblika, Victoria, Ghawdex.

Illi l-konvenuti xtraw minghand s-socjeta' attrici *coffee table* u bi hlas ghaliha ghadha dovuta s-somma ta' hamsa u disghin lira Maltija (Lm95).

Illi ghalkemm interpellati diversi drabi u minkejja diversi promessi ta’ hlas anki billi l-konvenuti ghaddew cheque lis-socjeta’ attrici li sussegwentement ma giex onorat, il-konvenuti baqghu ma hallsux l-ammont dovut.

Ghaldaqstant is-socjeta’ attrici qed titlob bil-qima li l-konvenuti jkunu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont msemmi flimkien ma’ l-imghax b’effett mit-23 ta’ Novembru 2004 sad-data tal-hlas relattiv, flimkien ma’ l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri, ta’ l-ittri interpellatorja datati 25 ta’ Jannar 2005 u 25 ta’ Frar 2005.”

Ra li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz bil-procedura tal-affissjoni filwaqt li l-konvenut gie notifikat bil-posta;

Ra l-kapitoli ipprezentati mis-socjeta' attrici fis-seduta tallum

Billi ghalkemm hekk notifikati regolarment il-konvenuti msejjhin tlett darbiet ma dehrux u dan bla ma giebu ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra taghhom;

U billi l-ammont pretiz m'huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' LM95 bilanc ta' prezz ta' coffee table lilhom mibjugha u kkunsinnata bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tal-25.01.2005 u 25.02.2005 u bl-imghax mid-data ta' din id-decizjoni sad-data tal-eventwali hlas effettiv kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------